IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

**PREMJU NAZZJONALI TAL-KTIEB – NATIONAL BOOK PRIZE**
**(KOTBA 2014) – (BOOKS 2014)**
**Traduzzjoni - Translation**
**Linji gwida u kriterji – Guidelines and Criteria**

---

# Traduzzjoni

*Linji gwida u kriterji.*

Id-definizzjoni ta' *Traduzzjoni* f'dan il-kuntest għal fini ta' parteċipazzjoni fil-Premju hija din:

*Interpretazzjoni lingwistika ta' test letterarju minn għażla ta' ġeneri litterarji aċċettati universalment, miktub oriġinarjament f'lingwa kwalunkwe (ie. source language) u maqlub għall-Malti.*

Il-frażi *Interpretazzjoni lingwistika* qed tiġi użata biex tfisser:

*interpretazzjoni testwali fejn bilanċ raġonevoli jintlaħaq bejn il-fedeltà lejn il-kontenut u l-forma, u l-interpretazzjoni tat-test li tinkorpora fiha nfisha valuri letterarji.*

**Biex jiġu preżentati testi tradotti għall-Premju hemm bżonn li jiġu kkunsidrati dawn ir-regoli li ġejjin:**

- Il-kategoriji ta' ġeneri litterarji aċċettati li fihom jistgħu jiġu sottomessi testi tradotti għall-Malti huma dawn: **Proża** li tinkludi *ir-Rumanz* u *in-Novella* u **Poeżija.**
- F'kull każ, il-kopja ippublikata tat-traduzzjoni għandha tiġi sottomessa akkumpanjata b'kopja tat-test fil-lingwa-sors, fil-verżjoni oriġinali inkella fl-aħħar verżjoni tal-istess test.
- F'każijiet fejn it-test oriġinali jkun jew bit-Taljan, bil-Franċiż, Spanjol jew Ġermaniż, m'hemmx bżonn li tiġi preżentata verżjoni "bridge" bl-Ingliż. F'każijiet bħal dawn, it-test sottomess għandu jkun it-traduzzjoni diretta fil-lingwa Maltija. Fil-każijiet l-oħra kollha, jiġifieri fil-każijiet fejn it-test oriġinali m'huwiex miktub f'ebda mill-erba' lingwi mniżżlin hawn fuq, it-traduttur irid jippreżenta verżjoni "bridge" bl-Ingliż.

**Dawn huma l-kriterji li jridu jiġu meqjusa mill-aġġudikanti ta' testi tradotti (skond id-definizzjoni ta' hawn fuq):**

- It-testi tradotti għandhom ikunu **interpretazzjonijiet kemm jista' jkun *viċini* u *leali* għall-oriġinal**, kemm jekk it-test huwa tradott direttament mis-sors, u anke jekk tradott mill-*bridge language* (ie. L-Ingliż).

- It-testi tradotti aċċettati f'kull ġeneru (proża u poeżija) iridu jiġu ġġudikati bl-istess kriterji (jew għall-inqas kriterji simili) għal dawk użati għat-testi mhux tradotti sottomessi fl-istess kategorji tal-Premju.
- Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji tan-*Novelli*, *Rumanz* u *Poeżija*.

# Translation

*guidelines and criteria.*

Definition of *Translation* in this context for the purpose of competing for the Award is the following:

*A linguistic interpretation of a literary text of universally-accepted literary genres orignally written in any language (ie. source language) into the target language: Maltese.*

The phrase *Linguistic interpretation* is hereby defined as*:*

*a textual rendering where a reasonable balance is kept between "faithfulness" to the original authorial intention in both content & form* ***and*** *the translated/interpreted text incorporating intrinsic and accepted literary values in its own right.*

**In order to present translated texts for the Award, it is imperative to consider the following rules:**

- The accepted categories of literary genres to be presented as translated texts into Maltese are: **Prose Fiction** incorporating *the Novel* and *the Short Story* and **Poetry**
- In every case, the published translated text presented is to be accompanied by the text of the source language, either in its original or latest edition version thereof.
- In cases where the original text is either in Italian, French, Spanish or German, there is no need of presenting a "bridge" version in English. In such cases, the adjudicated text shall be the translation itself direct into Maltese. In all other cases, that is, where the original is not written in the four languages mentioned, the translator should present a "bridge" version in English.

**Following are the criteria to be followed in adjudicating translated texts of literary content (as defined above):**

- The texts translated are to have **as *close* and as *faithfu*l an interpretaion as possible to the original**, whether this text is directly translated from the source, or whether through the intermediary bridge language of English.
- Moreover the texts in all the accepted genres (prose and poetry) are to be adjudicated by similar (if not exactly the same) criteria adopted for the correspondingly identical literary genres of the other non-translated texts in the other categories of the Award.
- Please refer to criteria for *The Short Story, The Novel* and *Poetry.*